MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2007

Mandat Numru. 1186/2007/1

**Il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU) kif rapprezentata minn Joseph Tabone, Vici-President tal-Kunsill Ezekuttiv ta' l-istess GRTU u President ta' l-IT Section ta' l- istess GRTU**

**-vs-**

**Onor. Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, Onor. Ministru ghall-Investiment, Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni, Direttur Generali (Kuntratti), Malta Information Technology and Training Services Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat id-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri;

**Talba**

Ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti izomm lill-intimati mill-jiffinalizzaw, jaggudikaw jew b'mod iehor jiddeterminaw u/jew jikkonkludu b'mod definitiv il-process tat-*tendering* mahrug mill-MITTS numru M 390/07 "*leasing of personal computer/laptops and workstation support services – invitation to tender".*

L-intimati qed jopponu dina t-talba.

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li filwaqt li qabel il-hrug tat-*tender* in kwistjoni saret konsultazzjoni u laqgha ta' informazzjoni mac-Chamber of Commerce, din ma saritx mar-rikorrenti li kellhom l-istess interess li jippartecipaw fil-process ta' *tendering* u dan taht l-iskuza li l-intimati qalulu ma rnexxilhomx jaghmlu appuntament maghhom. Ir-rikorrenti jsostnu li anke wara li hareg dan it-*tender document*, ir-rikorrent talbu li jiltaqghu ma' MITTS izda t-talba taghhom giet respinta.

Ir-rikorrenti ghalhekk jissottomettu li dan l-atteggjament da parti ta' l-intimati jammonta ghall diskriminazzjoni kontra taghhom u jaghti vantagg lill ghaqdiet l-ohra li setghu jkunu aktar preparati u jafu bid-dettalji tat-*tendering*. Il-process ghalhekk, skond ir-rikorrenti, kien wiehed irregolari, nieqes minn trasparenza u jmur kontra l-A.L. 177/2005 Art 4(1) u 47 (3)(b) Regolamenti tat-2005 dwar Kuntratti Pubblici. Minhabba f'hekk huma se jbatu pregudizzju serju u rrepparabbli.

Min naha taghhom l-intimati jissottomettu li dan hu t-tieni attentat tar-rikorrenti biex iwaqqfu dan il-process ta' *tendering*. L-ewwel rikors taghhom ghal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li kien gie prezentat gurnata qabel l-eghluq tat-*tendering*, gie michud fils-7 ta' Lujlu 2007.

L-intimati jsostnu li l-CEO tal-MITTS kien ipprova jikkuntattja lir-rikorrenti u anke halla messagg ghandhom

izda ma kellu ebda risposta minghandhom. Ighidu wkoll li fid-9 ta' Mejju 2007 kienet saret Vendors Briefing fejn il-GRTU attendiet u fiha setghu jintalbu l-karjifiki fuq it-*tender* li kien hemm bzonn. Qabel hareg it-*tender* ma kienx sar process konsultattiv, kien hemm biss laqghat informattivi wara li hareg it-*tender* fejn attendew diversi vendituri. Ghalhekk ma kien hemm ebda diskriminazzjoni u l-art 4(1) tal-A.L. 177/2005 gie imhares bis-shih. Inotre l-intimati jirritejnu li l-artikolu 47(3)(b) ma japplikax ghal kaz in ezami billi fil-kaz in ezami kien hemm *an open procedure* u mhux *a competitive dialogue*.

L-intimati ghalhekk jissottometti li r-rikorrenti m'ghandhom ebda dritt *prima facie* x'jikkawtelaw pero' *dato ma non concesso* li ghandhom xi dritt, fil-kaz in ezami mhux mehtieg li jinhareg dan il-mandat biex jithares id-dritt pretiz. Ghalhekk jekk l-intimati jkomplu bil-process ta' *tendering*, ir-rikorrenti mhux se jigu pregudikati b'mod irreparabbili billi fl-aghar ipotesi r-rikorrenti ghandhom rimedju tad-danni.

**Ligi**

Skop tal-mandat.

**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

**Ezami tal-qorti.**

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigI mizmuma tkun fil-fatt

mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa t'ghajn (*prima facie*) jedd x'jikkawtela u li l-mandat hu mehtieg biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huwa nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-bazi ta' din it-tieni talba tar-rikorrenti biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni, hi li meta hareg it-*tender* huma ma gewx konsultati bhal ma giet konsultata ic-Chamber of Commerce u li ghalhekk dawn kellhom vantagg fuqhom u dan jirrendi l-process kollu wiehed diskriminatorju, irregolari, mhux transparenti u illegali.

Il-partijiet mhux qed jaqblu fuq ic-cirkostanza li r-rikorrenti qed jibbazaw ruhhom fuqha biex regghu ressqu t-tieni talba taghhom ghal hrug tal-mandat. Ir-rikorrenti jsostnu li donnu huma gew maqbuza appositament, mentri l-intimati jirritjenu li huma ppruvaw jikkommunikaw mar-rikorrenti biex jinfurmawhom dwar it-*tender* li kien hiereg izda ma kellhomx risposta minghand ir-rikorrenti.

L-istharrig li ghandha taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa wiehed *prima facie* u cjoe jekk ir-rikorrenti ghandhomx mad-daqqa t'ghajn jedd x'jikkawtelaw u jekk il-mandat hux mehtieg biex jigi kawtelat dan il-jedd. Din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrenti ghax altrimenti tkun qed tiddeciedi l-mertu tal-kawza. Il-mertu ghandu jigi mistharreg fil-kawza proprja li ssir bejn il-

partijiet. F’dan l-istadju l-Qorti trid tara biss jekk hemmx *prima facie* dritt.

Il-Qorti ma thossx li f’dan il-kaz tista’ tghid li mad-daqqa t’ghajn ir-rikorrenti ghandhom xi *prima facie* dritt x’jikkawtelaw. Apparti li l-intimati jikkonfermaw li huma pprovaw jikkomunikaw mar-rikorrenti, huma jsostnu wkoll li ma kellhom ebda obbligu li jikkonsultaw. Ighidu li lic-Chamber of Commerce huma hegguhom biss biex jippartecipaw fil-process u xejn aktar. Inoltre l-intimati jissottomettu li l-obbligu taghhom kien biss li jippubblikaw it-*tender* in kwistjoni u anke ghamlu *Vendors Briefing* ghal min kien interessat jippartecipa u fih kienu attendew anke l-GRTU li ghalhekk kellhom kull *chance* biex jitolbu l-kjarifiki li riedu.

Ghalhekk il-fatt li t-talba ghall-hrug tal-mandat mhux se tintlaqa ma jfissirx ir-rikorrenti ma jistghux jfittxu ghall jedd li qed jippretendu li ghandhom.

Il-Qorti zzied li bil-fatt li mhux se jintlaqa l-mandat, il-jedd pretiz mir-rikorrenti mhux se jintilef ghall-dejjem. Anke jekk il-process tad-*tendering* jitkompla, l-pregudizzju ghar-rikorrenti mhux ser jkun wiehed irreparabbili u jista’ dejjem jigi rimedjat permezz ta’ pagament ta’ danni. Jigi rilevat li f’dan l-istadju l-process kien ghadu wiehed miftuh ghal *tendering* u ma kien hemm ebda element ta’ obbligu kuntrattwali u lanqas pre kuntrattwali stante li ma jirrizultax li saret xi offerta li setghet tigi accettata. Ghalhekk ir-relazzjoni li setgha kien hemm bejn il-partijiet kienet wahda li tista’ taghti lok biss ghall hlas ta’ danni u mhux ghall *specific performance*.

Finalment il-Qorti hija tal-fehma ukoll li ma hemmx proporzjon bejn l-interessi cirkoskritti tar-rikorrenti, li dejjem kellhom l-opportunita’ li jittenderjaw, u l-interess ta’ l-intimati li process ta’ *tender* ta’ xi 10 miljuni jibqa’ miexi. Ghalhekk kemm-il darba jinhareg il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil intimati se jkun sproporzjonat meta mqabbel ma’ il-pregudizzju li setgha jinholoq lir-rikorrenti li qed jitlobu il-hrug tal-mandat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi li r-rikorrenti m'ghandhomx *prima facie* dritt x'jikkawtelaw u hi sodisfatta wkoll li mhux mehtieg li l-mandat jinhareg;
Ghalhekk tichad it-talba.
Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------